TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 403/10

**Moira Kuijt Scicluna**

**vs**

**Tabone Enterprises Malta Ltd.**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), rappreżentanti prezz ta' umbrella li nkissret.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat umbrella u tħalliet barra għal sena sħiħa bil-konsegwenza li wara ftit xhur, speċjalment fix-xitwa, din ġralha l-ħsara u għalhekk qed titlob il-flus lura.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi l-umbrella ma kinitx tajba għal barra fix-xitwa u l-prezz illi nxtrat l-umbrella kien ta' mitejn u sitta u ħamsin ewro, u ħamsa u disgħin ċenteżmi (€256.95), u l-ammont ta' tmienja u ħamsin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (€58.25) kienu spejjeż għall-konsenja u lifting.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, jinnota li huwa minnu li din it-tip ta' umbrella fix-xitwa mhijiex ideali li titħalla barra u b'hekk qed jikkonkludi li kien hemm negliġenza kontributorja daparte tar-rikorrenti li jħalli din l-umbrella permanenti.

Pero', t-Tribunal jinnota wkoll illi tant iddeterjorat malajr din l-umbrella li hemm nuqqas ukoll daparte tas-soċjeta' intimata.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata jissuplixxi l-injam, il-*winch* u l-*cable*, u li dawn għandhom jiġu konsenjati sa fuq il-bejt tar-rikorrenti, u dan fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, u fin-nuqqas ta' dan is-soċjeta' intimata għandha tħallas l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**